MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Numru 61/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Abraham Zammit)**

**vs**

**Vincenzo Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Vincenzo Camilleri ta’ 64 sena bin il-mejjet Raffaele u l-mejta Michelina nee’ Sammut imwieled Hal Tarxien u residenti 16, Triq B’Bugia, Hal Tarxien, detentur ta’ karta ta’ identita numru 246836(m) akkuzat talli:

fit-12 ta’ Gunju 2000 ghal habta tas-7.45p.m. f’Hal Tarxien, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja f’perikolu car, darrab jew sawwat lill-Anthony Cesare u

kkagunalu feriti ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) skond kif iccertifika Dr. R. Galea MD., AFM.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi li 'jgibu mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz'. Mill-provi jirrizulta fil-fatt li l-ferita gravi kienet tikkonsisti fi sfregju koncentrat fir-regjun tal-wicc, precizament fil-parti tal-mohh ta' certu Anthony Cesare.

Illi relattivament ghall-ferita huwa fatt, li l-Qorti stess setghet tikkonstata li halliet marka fuq mohh il-midrub liema marka ghalkemm mhux tant pronuncjata tidher li hi permanenti. L-istess marka, kif jirrizulta wisq car mill-provi, irrizultat konsegwenza ta' glieda li kienet tinvolvi l-imputat u l-persuna feruta u zewg uliedhom subien. Ma harigtx car mill-provi minn ipprovoka l-istess glieda pero' fic-cert ma kienx l-imputat li jirrizulta li fil-kors taghha mar jiddefendi lill-ibnu. Huwa fil-fatt dan il-fattur li ser jiddetermina l-ezitu tal-kawza, fis-sens, jekk favur l-imputat treggix id-difiza, minnu sollevata, tal-legittima difiza jw alternattivament tal-provokazzjoni.

Illi wara li kkunsidrat il-provi u l-fatti tal-kaz il-Qorti lesta li tikkoncedi li jistghu jikkonkorru l-elementi tal-legittima difiza (l-attwalita', l-gravita' u l-inevitabilita') izda hi tal-fehma li fic-cirkostanzi l-imputat hareg barra mill-limiti mposti mill-bzonn. Dan qed tghidu ghaliex waqt li mhux kontestat li l-ferita gravi fuq il-persuna ta' l-imsemmi Cesare ikkagunhom l-imputat li xejjer bis-siggu meta ntrometta biex jiddefendi lill-ibnu huwa daqstant ovvju li l-

vittma ma kienitx il-persuna li allegatament kellha s-sikkina f'idejha.

Illi in kwantu ghall-piena l-Artikolu 233 moqri mal-Artikolu 230(d) u 227(d) tal-Kap 9 jikkontempla prigunerija. Il-Qorti pero' thoss li tista' tadotta l-Artikolu 21 tal-Kap 9 u tinzel taht il-minimu stante l-fedina penali u l-anzjanita' tal-imputat u wkoll ic-cirkustanzi.

Illi ghalhekk tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 233 tal-Kap 9 li tikkundanna l-imputat Lm100 multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------